**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 758/22**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Andrew Galea**

**Illum 13 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Andrew Galea ta' wieħed u erbgħin (41) sena, iben Victor Galea u Mary neè Aquilina, imwieled nhar it-12 ta' Novembru 1981 ġewwa l-Pietà u residenti ġewwa Binja Msieraħ, Ent. C, Flat 1, Triq tal-Balal, San Ġwann, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0623081(M), talli nhar l-4 ta' Novembru 2022 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-eks-sieħba tiegħu u cioè Moira (Mary) Zahra, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li messu kien jaf li kien qed ikun tali;

2. Ikkaġuna lill-eks-sieħba tiegħu u cioè Moira (Mary) Zahra, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li messu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment tal-persuna bil-moħbi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tipprovdi għas-sigurtà ta' Moira (Mary) Zahra u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Andrew Galea b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilit mil-liġi, il-Qorti tordna lil Andrew Galea sabiex iħallas l-ispejjeż li

għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 29 tal-proċess;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1], liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li ai termini ta 'l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta 'Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta 'l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa ' jirrikonsidraha u jerġa 'lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-4 ta' Novembru 2022 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Ikkaġuna lill-eks-sieħba tiegħu u cioè Moira (Mary) Zahra, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li messu kien jaf li kien qed ikun tali; (2) Ikkaġuna lill-eks-sieħba tiegħu u cioè Moira (Mary) Zahra, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li messu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment tal-persuna bil-moħbi.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, bil-mod kif premess iktar 'l isfel f'din is-sentenza.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat u minnu ammessi, il-fedina penali ta' l-imputat, li hija relattivament netta, kif ukoll il-fatt li rreġistra ammissjoni fi stadju ferm bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni anke l-fatt li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 31, 202(h)(vi), 222(1)(a), 251A(1)(b)(2)(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal disa' (9) xhur priġunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ ħemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat irreġistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u li għandu fedina penali relattivament netta, a tenur ta 'l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, tissospendi it-terminu ta 'disa' (9) xhur

[1] Fol. 50 tal-proċess.

priġunerija hawn impost fuq l-imputat għal sena (1) b'effett mid-data ta 'din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Moira (Mary) Zahra. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Fid-dawl tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 383 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet ta' Ordni ta' Trazzin anness magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**